# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta, 5 ta' Dicembru 2017**

**Kawza Numru : 32**
**Rikors Guramentat Numru : 579/2017/LSO**

**Stathis Georgakopulos**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' ta' Stathis Georgakopulos *sive* Georgakopoulos bil-karta tal-identita numru 162490M datat 27 ta' Gunju 2017 fejn espona: -

Illi nhar il-erbgha u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disghin (24/03/1990) twieled Stathis Georgakopulos li gie registrat bin-numru ta' l-iskrizzjoni 1624/1990 (kopja tar-registrazzjoni qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dok A);

Illi ghal xi raguni fejn hemm referenza ghall-kunjom ta' l-omm u l-missier dan gie miktub hazin ghax flokk inkiteb Georgakopoulos kif kien ga gie registrat kemm fl-att taz-zwieg tal-genituri kif ukoll f’ kull dokument li kellhom fejn saret it-traduzzjoni mill-lingwa Griega dan inkiteb Georgakopulos jigifieri l-ahhar ittri minflokk POULOS inkiteb minghajr 'O' PULOS. (kopja tal-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok B);

Illi f’ kull dokument illi ghandhom il-genituri tieghu, il-kunjom huwa indikat bhala GEORGAKOPOULOS (ara dokumenti annessi bhal karta tal-identita`, passaporti, kuntratt ta' separazzjoni, divorzju u digrieti tal-Onorabbli Qorti taz-zewg genituri annessi u mmarkati bhala Dok C)

Illi kull licenzja tas-sewqan, passaport, kif ukoll karta tal-identita` li kellu l-esponenti kien dejjem bil-kunjom korett ta' l-esponenti (Dok D) u l-ewwel darba li gie nnutat dan l-izball kien recentament meta sar it-tibdil fis-sistema tal-gvern ghax il-passaport, il-karta tal-identita` kif ukoll il-licenzja tas-sewqan nhargu b'dan iz-zball fil-kunjom (kopji tad-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok E);

Illi l-esponenti qieghed ssib difikultajiet kbar peress li d-dokumenti kollha tieghu kemm tal-iskola, il-kwalifiki tal-

MCAST, kif ukoll il-licenzja ta' pilota li huwa x-xoghol tal-esponenti ghandhom il-kunjom kif dejjem intuza mill-esponenti kif ukoll il-genituri tieghu, u peress li qieghed jahdem bhala pilota barra minn Malta qieghda jkollu d-diffikultajiet peress li d-dokumenti ufficjali tal-identita` li huwa l-passaport mhux qieghed jaqbel mad-dokumenti tal-licenzja tal-pilota. (Dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok F);

Illi l-fatt illi l-kunjom tal-esponenti ma jaqbilx ma' dak tal-genituri tieghu mhuwiex accetabbli u ghalhekk ghandu jigi ikkoregut mill-aktar fis, specjalment tenut kont tal-fatt illi l-esponenti bil-hsieb jizzewweg is-sena d-diehla u ghalhekk tali korrezzjoni ghandha ssir qabel iz-zwieg halli ma jkunx hemm dokument iehor bhal att ta' zwieg x'jigi korregut u qabel l-esponenti ma jkollu xi tarbija ghaliex f’ dan il-kaz l-izball jista' jkompli sejjer ghal xi persuna ohra;

Illi l-esponenti jixtieq li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu b'mod illi kull fejn jidher il-kunjom; porpju fil-kunjom tal-missier Nikolaos, kunjom tal-omm Desiree u tal-missier patern Efstathios minflok l-kunjom GEORGAKOPULOS jitnizzel il-kunjom korrett bhal tal-genituri tieghu **GEORGAKOPOULOS;**

IIli oht l-esponenti Alexia Georgakopoulos, kellha l-istess zball fic-certifikat tat-twelied taghha u fil-fatt kienet ghamlet kawza quddiem l-Onorabbli Qorti sabiex il-kunjom jigi korregut liema kawza giet deciza fit-22 ta' Marzu 2016 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok G).

Ghaldaqstant *in vista* tas-suespost l-esponenti jitlob bir-rispett lil din il-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li sar zball fil-kunjom ta' missier ir-rikorrenti, kif ukoll in-nannu patern, kif ukoll fejn hemm ir-referenza li l-omm hija mart Nikolaos Georgakopulos, li kollha gew indikati erronjament fl-att tat-twelid tieghu, billi kellu jigi imnizzel bhala **'GEORGAKOPOULOS.'**

2. Tordna lill-konvenut jikkoregi l-Att ta' Twelid bin-numru 1624/1990 tal-esponenti biex kull fejn jidher il-kunjom Georgakopulos dan jinbidel u jigi ikkoregit bil-kunjom **'GEORGAKOPOULOS'**.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2017 fid-9:00am.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta’ Lulju 2017 (fol 62) fejn l-Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi *in limine litis* huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghal premess u *in vena* preliminari wkoll, huwa essenzjali ghall-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrent jitlob *ai termini* tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza fis-sens illi l-

attur ghandu jidher bhala 'Stathis Georgakopulos' u mhux bhala 'Stathis Georgakopulos *sive* Georgakopoulos', u dan *stante* li l-ewwel isem huwa dak li jappartjeni lilu skont l-Att tat-Twelid tieghu li jgib in-numru 1624/1990;

3. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti illi r-rikorrent ma ddikjarax taht liema artikolu qed issejjes l-proceduri istanti. Ghaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun ta' beneficcju jekk dan jigi ddikjarat salv pero' illi l-esponent jirriserva d-dritt tieghu li jissoleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

4. Illi bla hsara ghall-premess u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

5. Illi *stante* t-talba kif dedotta, tajjeb li jkun sottolinejat illi l-ligi nostrana taghti biss lok ghal korrezzjonijiet f’ ismijiet u mhux f’kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u gurisprudenza nostrana;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tissottometti illi ma jidhirx li hemm xi dikjarazzjoni ta' zball da parti l-esponent fir-rikors gurament tar-rikorrent u lanqas zball da parti l-esponent fl-Att t-Twelid tieghu li jgib in-numra progressiv 1624/1990, liema Certifikat inhareg mid-Dipartiment tar-Registru Pubbliku u li jinsab anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP1';

7. Illi maghdud mal-premess, l-esponenti tkompli tissottometti illi fil-proceduri istanti fir-rigward tal-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, l-esponenti hija tal-umli fehma illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fil-kaz *de quo,* u dan ghaliex kienet proprju Desiree Marie Georgakopulos li iddikjarat l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att tat-Twelid tar-rikorrent, u ghal dawn il-fini d-dikjaranta stess kien iffirmat l-Att in kwistjoni. Ghaldaqstant, galadarba Desiree Marie Georgakopulos, id-dikjarant fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, accettat l-informazzjoni inserita minnha fl-Att u kkonfermat illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma taghha, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

8. Illi ghalaqstant, fil-mertu l-esponenti ser tirrimmetti ruhha ghall-ghaqli u savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward tat-talba kif dedotta;

9. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' Ottubru, 2017 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr Leontine Calleja u Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fuq talba tar-rikorrent tal-okkju *stante* li l-attur ghandu jidher bhala Stathis Goergakopulos. Dr Ellul ghaddiet ruhha b'notifikata bir-rikors kif korrett. Rifferribbilment ghat-tielet (3) eccezzjoni, Dr Calleja iddikjarat li l-azzjoni hija msejsa fuq art 253 (1) tal-Kap 16, *stante* zball, u ddikjarat li ghalqet il-provi. Dr Ellul ghajr ghall-eccezzjoni tal-kap tal-ispejjez irrimettiet ruhha. Id-difensuri prezenti qablu li l-Qorti ghandha tistrieh fuq il-fatti diga` kkonstatati fis-sentenza in atti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta' Dicembru 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-30 ta' Gunju 2017 (fol 58) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

It-tieni eccezzjoni hija sorvolata bil-korrezzjoni fl-okkju kif awtorizzata b'digriet datat 26 ta' Ottubru 2017 u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

It-tielet eccezzjoni hija wkoll sorvolata *stante* li gie espressament dikjarat mill-avukat difensur tar-rikorrent fil-verbal tas-26 ta' Ottubru 2017, li din l-azzjoni hija bbazata fuq l-**artikolu 253(1) tal-Kap 16**.

Illi r-rikorrent qed jitlob li kunjomu kif regsitrat fl-att tat-twelid tieghu jigi korrett billi "Georgakopulos" jigi sostitwit b' "Georgakopoulos".

Illi fil-mertu, r-rikorrent ghandu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kunjom tal-genituri tieghu huwa "Georgakopoulos". Ghal dan il-ghan, gew esebiti, kopja tac-certifikat taz-zwieg tal-genituri tieghu, Dok B, kopja ta' dokumenti tal-identita` tal-genituri tieghu bhala Dok C, u kif ukoll kopji tad-dokumenti ufficjali bil-kunjom it-tajjeb, Dok D.

Inoltre`, ir-rikorrent xehed permezz ta' affidavit u qal, li twieled fl-24 ta' Marzu 1990 u ghal xi raguni meta gie registrat, kunjom il-genituri tieghu gie registrat hazin, bil-mod kif tispelli l-kunjom. Semma li fil-passaporti u fil-karta tal-identita` kienu precedentement bil-kunjom spellut tajjeb, izda metu sar tibdil fis-sistema u d-dokumenti saru elettronici, l-izball gie rifless fihom ukoll, u minhabba f'hekk qed jiskontra problema.

**Desiree` Marie Georgakopoulos** xehdet permezz ta' affidavit, qalet li hi mwielda l-Ingilterra, u kunjomha kif registrat fl-att taz-zwieg datat 28 ta' Jannar 1984, hu

“Georgakopoulos”, u d-dokumenti ufficjali taghha kollha jirriflettu dan il-kunjom.

Ikkunsidrat, li din il-Qorti kif preseduta, diga laqghet it-talba ta’ oht ir-rikorrent fejn gie mibdul l-izball fil-kunjom, hekk kif jidher minn kopja tas-sentenza Dok G esebita mar-rikors promotur.

Ikkonsidrat ukoll, li d-Direttur intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti ghal dak li jirrigwarda l-mertu ta’ din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti esebiti, hija sodisfatta li sar zball fil-mod kif jinkiteb il-kunjom tar-rikorrent, meta saret ir-registrazzjoni fic-certifikat tat-twelid tieghu.

Ghalhekk, din il-Qorti ser takkolji t-talba tar-rikorrent, u tordna l-korrezzjoni mitluba.

Izda peress li ma jirrizultax li sar zball imputabbli lill-intimat, taqbel li l-intimat m’ghandux jigi addebitat l-ispejjez ta’ dan il-kaz.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li sar zball fil-kunjom ta’ missier ir-rikorrent, kif ukoll in-nannu patern, u fejn hemm

referenza li l-omm hi mart Nikolaos 'Georgakopulos' li ghandu jigi sostitwit b' 'Georgakopoulos.'

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jikkoregi l-att tat-twelid numru elf, sitt mija u erbgha u ghoxrin tas-sena elf, disa' mija u disghin (1624/1990) tar-rikorrent sabiex kull fejn jidher il-kunjom 'Georgakopulos' dan jinbidel u jigi sostitwit bil-kunjom korrett 'Georgakopoulos.'

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**5 ta' Dicembru 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**5 ta' Dicembru 2017**